# L-attur famuż

Mindu kien żgħir, Jimmy Coleiro u t-teatru kienu rrakkmati f'destin li dejjem ħolom bih. Minn dejjem kien affaxxinat bil-fatt li xi ħadd jista' jagħmilha ta' xi ħadd ieħor. U rnexxielu. Wara li ġie lura mill-Ingilterra fejn studja diversi dixxiplini mħaddmin fit-teatru, il-popolarità ta' Jimmy Coleiro bdiet tikber, kemm fid-dinja tat-teatru u kemm fid-dinja tal-films. Importanti li għalissa ma taħrablux xi kelma fuq il-proġett il-ġdid li qallu bih Chris, l-aġent tiegħu. Kien eċitat. Proġett f'Hollywood. Imma aħjar jiffoka. L-aħħar ftit linji jonqsu ...

*I will not yield,*
*To kiss the ground before young Malcolm's feet,*
*And to be baited with the rabble's curse ...*

• •

*I was sick, sick unto death, with that long agony ...*

Dalma. Kesħa fina. Taqtir tal-ilma. Ħoss fil-

bogħod, donnu ta' brix jew grif. Rasi kienet qed iddamdam. Ftaħt għajnejja bil-mod. Ċpar. Kollox żlieġa waħda. Teptipt għajnejja u l-vista bdiet ġejja bil-mod. Għajnejja bdew jidraw id-dalma. Fejn qiegħed? Kont mal-art, ċangatura naħseb, inxomm u ntiegħem it-trab. Ippruvajt inqum bilqiegħda bil-mod. Rasi baqgħet iddamdam. Missejt in-naħa ta' wara ta' rasi u ħassejt gundalla daqsiex. M'għandix idea fejn qiegħed jew kif spiċċajt hawn. Nispera mhix xi ċajta goffa ta' dak il-miġnun Jeremy. Mindu konna żgħar kien jaqbad miegħi.

Hello … hello … hawn xi ħadd?

Xejn. Irbumbjar. Jien u d-dlam. Bdejt ngħajjat waqt li bdejt nerġa' nipprova nqum. Kif sibt ruħi bilwieqfa kollox beda jdur u stabatt mal-art. Meta rġajt stenbaħt rasi kienet ftit aħjar. Ftit 'il bogħod minn saqajja kien hemm xi ħaġa. Tkaxkart bil-mod u ndunajt li kien hemm flixkun ilma u banana. Niżżilt nofs flixkun f'kemm ili ngħidlek. Kemm kien ili hawn? Ftit sigħat l-aktar. Qaxxart il-banana u kiltha f'nifs. Bdejt inħossni ftit aħjar. Qomt bilwieqfa u bdejt inħoss b'idi biex nipprova nifhem fejn qiegħed. Ħitan kiesħa, umdità, ma tinħassx kamra kbira. Qalbi bdiet tħabbat, iżżid fir-ritmu, bu bumm bu bumm bu bumm. Il-biża' ħassejtha ħierġa minn

ġol-ħajt waqt li bdiet tixxeblek ma' ġismi donnha qarnita Medusjana. In-nifs dejjem jiqsar, xi ħadd, xi ħaġa tagħfas m'għonqi. Għafsa ġentili li kulma jmur bdiet tagħfas ftit aktar.

*The blackness of eternal night encompassed me.*

Ma nafx kemm ili hawn. Ġimgħa, xahar, sitt xhur, tlift il-kont kif ukoll il-piż. Għall-bidu l-ilma u l-banana kienu kostanti imma anke dawn waqfu dan l-aħħar. Ma nistax nifhem kif ninsab hawn. Min ġabni hawn? Għaliex? Sa fejn naf jien m'għamilt deni lil ħadd.

*Yet not for a moment did I suppose myself actually dead.*

Ippruvajt inqum imma ma stajtx. Ġismi kollu kien marbut bi ħbula ssikkati. Jagħfsu. Kull vina lesta biex tispara f'murtali kkuluriti. Kont marbut fuq injama twila nħares lejn saqaf aħdar immuffat. Bdejt naqta' nifsi. Issarajt biex nipprova ninħall. Donnu hemm trakk ġebel jagħfas fuq sidri. Bdejt ngħajjat. Imbagħad waqfa ta' ftit sekondi. Kollox waqaf, anke l-ħin. Donnu xi ħadd kien qed jara film u waqqfu ftit biex imur sal-kċina jġib flixkun birra.

Indunajt li mas-saqaf kien hemm xi ħaġa mdendla, bħal mannara enormi, leqqiena. Bdiet tiċċaqlaq. Għall-bidu bil-mod il-mod, mingħajr għaġla,

sakemm il-veloċità bdiet iżżid, pendlu ta' tvenvin. Il-ħoss ma nistax nispjegah, donnu ruxxmata żnażan imsakkrin f'moħħi, tvenvin li jidħol minn imnifsejk u jinżel jgħarrex 'l isfel 'l isfel waqt li jkexkex kull ġog f'ġismek sakemm isib fejn hi moħbija ruħek u jibda jqattagħha u jistupraha. Dal-pendlu miġnun dejjem nieżel 'l isfel. Ftit ftit imma ċert minnu nnifsu. Aktar ma nissara, aktar il-ħbula jissikkaw. Ġurdien tal-imramma qabeż ħelu ħelu fuq sieqi l-leminija. Għajnejh ileqqu, jiċċassa lejja jistenna, jikkalkula l-mument eżatt li wasal fi ftit sekondi. Beda jgerrimli s-seba' l-kbir. Pandemonju. Ma stajtx niċċaqlaq. Qatra demm, imbagħad oħra, sakemm nixxiegħa ta' demm bdiet tgelgel ma' sieqi. Imbagħad wasal it-tieni ġurdien. U t-tielet. Baqgħu ġejjin bil-mijiet u l-eluf. Il-pendlu wasal kważi ma' sidri. Ir-riħ tiegħu ma' wiċċi. It-tvenvin jobroxli moħħi. Ma flaħtx aktar. Niżlet bewla ma' sieqi, l-aħħar ftit likwidu li kien fadalli f'ġismi. Il-pendlu beda jħaxken ma' sidri, iqatta' bil-mod il-laħam li darba kien tari. Id-demm itir minn kull parti ta' ġismi. Kaxxa infernali, festa għall-ġrieden. Imbagħad mas-saqaf ilmaħtha, dabra ħamra tteptep, dik x'inhi? Kamera? Possibbli? Imbagħad ftakart fih.

• •

Quentin beda miexi ’l barra fuq it-tapit aħmar. Kellu libsa ġdida fjamanta, żarbun ileqq u daħqa ma tispiċċa qatt. F’idu żewġ statwetti żgħar. Waqaf jippoża għal ftit ritratti. Ħass iż-żiffa li qamet ftit sigħat qabel taħjih. Reġa’ beda miexi sakemm waqqfuh tmien ġurnalisti kollha jsejħulu, jimbottaw biex jieħdu l-ewwel kummenti ta’ dan id-direttur bravu li wettaq rebħa storika. Min qatt sema’ b’Malta u l-film awards fl-istess sentenza?

Quentin, Quentin, over here, over here.

Quentin, what can you tell us about this historic win?

Quentin, where is Jimmy? Why is he not here?

Where is Jimmy? Where is Jimmy? Where is Jimmy?

I would like to thank everyone for their support. It has been a magnificent experience. This journey started from my obsession with Edgar Allan Poe. I wanted to recreate “The Pit and the Pendulum” in a new light, an experiment with one of the best emerging actors. As you have seen in this short film, Jimmy encompasses the torment and fear that Poe wrote about.

But where is Jimmy?

To be quite honest, no one really knows where

Jimmy is. As soon as this project wrapped up, we lost all contact with him. It's as if he disappeared from the face of the Earth. Jimmy, if you're listening, these awards belong to you. You deserve it. You have made this experiment successful and we all love you for that.

But ...

I'm sure that Jimmy will resurface in a few weeks. Let's leave him alone for the time being as I'm sure this role has taken a toll on him.